

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “It-tisħiħ tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni — Ċivili sabiex tittejjeb il-kapaċità tal-UE li tirreaġixxi għal avvenimenti estremi, inkluż dawk li jseħħu barra mit-territorju tagħha”

(Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Franċiża)

(2022/C 290/05)

Relatur: **Christophe QUAREZ**

Korelatur: **Violeta JELIĆ**

Konsultazzjoni	Il-Presidenza Franċiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 21.9.2021
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni
Adottata fis-sezzjoni	9.3.2022
Adottata fil-plenarja	24.3.2022
Sessjoni plenarja Nru	568
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	211/0/2

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM (Union Civil Protection Mechanism) jew “il-Mekkaniżmu”) ma għadux kapaċi biżżejjed u lanqas wiesa’ biżżejjed biex iwieġeb għal diżastri marbuta mat-tibdil fil-klima u mar-riskji multipli f’termini ta’ prevenzjoni, tħejjija, twissija, pjanar u kapaċitajiet operazzjonali, li jseħħu ġewwa u barra mit-territorju tal-Unjoni.

1.2. Lil hinn mill-attività stabbilita sew tiegħu fir-rigward tad-diżastri naturali, il-UCPM jintalab biex jindirizza riskji oħra bħal pandemiji, assistenza lill-persuni f’żoni ta’ gwerra, riskji industrijali kbar, tniġġis marittimu fuq skala kbira, konsegwenzi ta’ attakki ċibernetiċi fuq in-networks tal-elettriku jew tal-ilma tax-xorb, u l-infrastrutturi essenzjali kollha, jew il-ġestjoni ta’ kriżijiet umanitarji marbuta mal-immigrazzjoni.

1.3. Ir-rabta bejn il-protezzjoni ċivili (operazzjonijiet għal żmien qasir) u l-għajnuna umanitarja (ġestjoni fit-tul) jeħtieġ li tiġi indirizzata u kkoordinata aħjar.

1.4. Il-KESE jqis li l-azzjoni ta’ wara d-diżastri tal-UE għal avvenimenti barra mit-territorju tagħha jeħtieġ li tiġi identifikata u żviluppata aktar.

1.5. Il-KESE jissottolinja l-importanza kbira tal-kooperazzjoni operazzjonali li qed tevolve permezz tal-armonizzazzjoni tat-taħriġ, il-kompatibbiltà tal-materjal u t-tagħmir, iċ-ċarezza u l-effiċjenza tal-linji ta’ kmand.

1.6. Il-KESE jqis li għandha tiġi eżaminata l-ħtieġa li tiġi stabbilita aġenzija Ewropea għall-protezzjoni ċivili u l-għajnuna umanitarja, bħala mekkaniżmu Prattiku għal azzjonijiet aktar b’saħħithom tal-politika barranija.

1.7. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-progress meħtieġ li għandu jsir fir-rigward tal-proċess tat-teħid ta’ deċiżjonijiet ta’ intervent, barra mit-territorju tal-UE.

1.8. Il-KESE jqis li d-dimensjoni diplomatika tal-protezzjoni ċivili Ewropea mhijiex żviluppata biżżejjed. Fir-rigward tar-relazzjonijiet esterni u r-reażjoni tal-UE fil-konfront ta’ avvenimenti estremi, il-KESE jenfasizza l-importanza:

— li jkun hemm enfasi fuq il-proċeduri ta’ prevenzjoni, tħejjija u rkupru b’mod aktar reżiljenti; ikun hemm ħidma man-NU dwar strateġiji li jnaqqsu r-riskju ta’ diżastru u l-implimentazzjoni tal-prijorità “bini mill-ġdid aħjar” tal-Qafas ta’ Azzjoni ta’ Sendai tan-NU sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza barra l-UE u fi ħdanha, bħala approċċ sostenibbli aġġustat għall-SDGs;

- li tissaħħaħ il-kondiviżjoni tal-għarfien, l-għarfien espert u l-iskambju tat-tagħlimiet meħuda, it-taħriġ komuni u l-eżerċizzji komuni madwar id-dinja, inkluża s-soċjetà ċivili fil-livell lokali;
- li jkun hemm enfasi tar-rabtiet bejn il-protezzjoni ċivili u l-għajjnuna umanitarja, speċjalment f'żoni iżolati tad-dinja meta jseħħ diżastru;
- li jiġi inkluż l-għarfien kulturali bħala kwistjoni ewlenija tat-taħriġ tal-protezzjoni ċivili biex tissaħħaħ l-effettività tal-attività tal-UCPM (skjerament tal-għajjnuna) fiż-żona tad-diżastru, madwar id-dinja.

1.9. Il-KESE għandu dubji dwar id-definizzjoni tal-ambitu ġeografiku tal-UCPM u l-kriterji tal-għażla tal-pajjiżi parteċipanti.

1.10. Trid titħeġġeġ komunikazzjoni xierqa fi ħdan il-fehma pubblika internazzjonali sabiex tissaħħaħ l-azzjoni tal-UCPM.

1.11. Il-KESE jappoġġja l-idea li jiġu żviluppati timijiet tranżnazzjonali konġunti tal-ewwel rispons għall-ġestjoni tad-diżastri b'riżorsi proprji, taħriġ konġunt u standardizzazzjoni tar-riżorsi u tat-tagħmir.

1.12. Il-KESE jħeġġeġ proposta għal emenda leġiżlattiva biex jiġi awtorizzat rispons awtomatiku u immedjat skont il-Mekkaniżmu f'każ ta' diżastru maħluq mill-bniedem fit-territorju tal-UE u 'l hinn minnu, mingħajr ma tkun meħtieġa talba minn qabel mill-Istat Membru kkonċernat, u b'hekk, l-Istat Membru jżomm id-dritt li jirrifjuta tali assistenza. Din ir-riżorsa f'forma ta' task force tista' tikkontribwixxi biex tissaħħaħ id-dimensjoni esterna tar-relazzjonijiet tal-UE permezz tal-protezzjoni ċivili.

1.13. Il-KESE jappoġġja t-tisħiħ tal-volontarjat għall-protezzjoni ċivili u jirrakkomanda li jiġu żviluppati standards għall-programmi ta' volontarjat b'dispożizzjonijiet li jgarantixxu d-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol tal-volontarji u li tinħoloq sistema ta' ċertifikazzjoni komuni għat-timijiet volontarji tal-protezzjoni ċivili.

1.14. Il-KESE jinnota n-nuqqas ta' strument finanzjarju flessibbli b'rispons rapidu għall-għoti ta' finanzjament dirett lill-popolazzjonijiet affettwati għall-kumpens, meta dan jintalab.

1.15. Il-KESE jappoġġja t-tisħiħ tal-azzjonijiet ta' informazzjoni pubblika dwar l-attività tal-UCPM permezz ta' modi moderni ta' komunikazzjoni (eż. il-midja soċjali) u rwol attiv tal-organizzazzjonijiet strutturati tal-volontarjat.

1.16. Il-KESE jinnota l-ħtieġa li tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni tar-rispons operazzjonali tal-Unjoni mal-organizzazzjonijiet umanitarji u mas-soċjetà ċivili għal użu aħjar tal-għajjnuna fil-prattika.

1.17. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jkompli jitqies il-bżonn li tiġi garantita l-kontinwità tal-funzjonament tal-SMEs wara diżastru.

1.18. Il-KESE jirrakkomanda li l-komunità xjentifika tiġi involuta ħafna aktar fil-proċess ta' twissija u prevenzjoni tal-UCPM, filwaqt li jittieħed vantaġġ min-Network tal-UE ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili u t-tisħiħ taċ-Ċentru ta' Għarfien għall-Ġestjoni tar-Riskju ta' Diżastri.

2. Sfond

2.1. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, fil-qalba tal-kooperazzjoni Ewropea dwar il-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, jipprovdi network ta' assistenza reċiproka u solidarjetà ġewwa u lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni Ewropea.

2.2. Il-Mekkaniżmu jiġbor flimkien 33 stat; 27 Stat Membru tal-UE u 6 Stati Parteċipanti: l-Iżlanda, in-Norveġja, is-Serbja, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Montenegro u t-Turkija. Dan jintuża frispons ta' prevenzjoni, pjanar u operazzjonali, u jippermetti għajjnuna koordinata għal diżastri u sitwazzjonijiet ta' kriżi umanitarja. Kwalunkwe pajjiż fid-dinja li jkun qed jiffaċċja diżastru kbir jista' jfittex assistenza permezz taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (ERCC), bħala mekkaniżmu ta' politika barranija tal-UE.

2.3. Il-qafas ta' politika tal-UCPM, li diġà ġie msaħħaħ fl-2019 permezz tal-istabbiliment ta' riżerva ta' kapaċitajiet addizzjonali u permezz tan-Network Ewropew ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili, kompli jissaħħaħ permezz ta' leġiżlazzjoni ġdida ppubblikata fl-20 ta' Mejju 2021. L-UCPM rivedut issa jinkludi approċċ transsettorjali u transfruntier għall-ġestjoni tar-riskju u tad-diżastri, ibbażat fuq "objettivi ta' reżiljenza tad-diżastri", u ppjanar fil-livell tal-UE. Fuq proposta tal-Parlament Ewropew, dan jinkorpora wkoll il-kunċetti tat-tibdil fil-klima u tal-bijodiversità.

2.4. Madankollu, diżastri naturali kbar f'dawn l-aħħar snin (nirien tal-massa fin-Nofsinhar tal-Ewropa fl-2017 u fl-2021, għargħar fl-Ewropa Ċentrali u tat-Tramuntana fl-2014 u fl-2021, terremoti fil-Haiti fl-2010 u fl-2021, eċċ.), u ż-żieda fil-frekwenza u fl-intensità tagħhom, jimminaw il-mekkaniżmi ta' rispons eżistenti bħall-UCPM, li fl-istess ħin huwa kkonfrontat ukoll minn kriżijiet kumplessi oħra (tal-migrazzjoni, tas-saħħa, tal-umanità). L-avvenimenti reċenti fl-Ukrajna juru l-ħtieġa li jissaħħa il-mekkaniżmu u li r-rabtiet bejn il-protezzjoni ċivili u l-għajnuna umanitarja jsiru aktar koerenti.

2.5. Għal din ir-raġuni, l-awtoritajiet Franċiżi talbu lill-KESE jaħdem fuq ir-rispons tal-Ewropa għat-tibdil fil-klima permezz ta' tliet oqsma ewlenin ta' studju: (i) it-twissija bikrija u l-informazzjoni għall-pubbliku; (ii) it-tbassir u l-ippjanar, u (iii) ir-rispons tal-kapaċità.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Mil-lat operazzjonali, il-UCPM issaħħa minn diversi strumenti komplementari bħar-riżerva ta' riżorsi ta' rescEU, is-servizz satellitari Copernicus (sistema ta' mmappjar tar-riskju satellitari), ir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili u n-Network tal-UE ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili.

3.2. Stabbilit fl-2019, rescEU stabbilixxa riżerva ta' riżorsi addizzjonali ġdida (ir-riżerva ta' rescEU) li tinkludi flotta ta' ajruplani u elikopters tat-tifi tan-nar, tagħmir tas-salvataġġ, ajruplani għall-evakwazzjoni medika, timijiet ta' emerġenza medika, u riżerva ta' tagħmir mediku u sptarijiet fuq il-post li jistgħu jirrispondu għal emerġenzi tas-saħħa u għal inċidenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari. RescEU jikkomplementa l-UCPM f'missjonijiet bħat-tifi tan-nar, l-assistenza medika u r-riċerka.

3.3. Iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (ERCC) jinsab fil-qalba tal-funzjonament tal-UCPM. Dan jiċċentralizza u jikkoordina l-għajnuna differenti mibgħuta mill-pajjiżi u huwa responsabbli għall-iskjerament rapidu tal-għajnuna ta' emerġenza lil żoni affettwati minn diżastru.

3.4. Il-pajjiżi jħabbru l-mezzi li jistgħu jipprovdu lill-pajjiż rikjedenti bl-użu tas-Sistema Komuni ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni f'każ ta' Emerġenza. Il-pjattaforma tippermetti li jinżammu rekords online, fejn l-ERCC jista' jagħti dettalji dwar il-ħtiġijiet tal-pajjiżi rikjedenti, u fejn il-pajjiżi li jassistu jistgħu jispeċifikaw il-mezzi li beħsiebhom jagħmlu disponibbli.

3.5. Barra minn hekk, il-parteċipanti jistgħu jimpenjaw riżorsi nazzjonali għal rispons ta' emerġenza għar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili. Din ir-riżerva tippermetti ppjanar u koordinazzjoni aħjar tal-attivitajiet ta' rispons fil-livell Ewropew u nazzjonali, li tipprovdi rispons tal-UE aktar rapidu u aktar affidabbli għad-diżastri.

3.6. B'appoġġ għall-attivitajiet ta' prevenzjoni u ta' tħejjija, l-UE żiedet ukoll l-appoġġ finanzjarju għall-kapaċitajiet irreġistrati fir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili. L-appoġġ finanzjarju jista' jintuża biex jiġu adattati u msewwiġa l-kapaċitajiet, kif ukoll biex jiġu koperti l-ispejjeż operazzjonali (għewwa l-UE) u l-ispejjeż tat-trasport (barra mill-UE) meta jintużaw fil-UCPM.

3.7. Il-Mekkaniżmu ġie attivat diversi drabi bħala parti mill-qafas tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet matul il-pandemija tal-COVID-19. L-esperjenza wriet li l-UE jeħtieġ li tkun imħejjija aħjar biex twieġeb għal emerġenzi fuq skala kbira, u li l-qafas legali eżistenti dwar is-saħħa u l-protezzjoni ċivili għandu jissaħħa.

3.8. Finanzjarjament, minbarra l-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi parteċipanti, il-Mekkaniżmu jirċievi pakkett finanzjarju mill-baġit pluriennali tal-UE għall-2021-2027. B'mod aktar speċifiku, il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu għall-perjodu 2021-2027 se jkun ta' EUR 1 263 000 000. Barra minn hekk, id-dħul assenjat estern mill-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru sa EUR 2 056 480 000 se jiġi allokat ukoll għall-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu għall-istess perjodu.

3.9. In-Network tal-UE ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili, pjattaforma ġdida għall-kondiviżjoni tal-għarfien, l-aħjar prattiki u t-tagħlimiet meħuda mill-esperti tal-protezzjoni ċivili u mill-persunal tal-ġestjoni tal-emerġenzi, huwa strument li bih l-UE beħsiebha ssaħħa il-Ġestjoni Ewropea tar-Riskju ta' Diżastri.

3.10. In-Network ta' Għarfien għandu l-għan li jrawwem sinerġiji aktar b'saħħithom fost il-prattikanti, dawk li jfasslu l-politika u x-xjenzjati permezz tal-pilastru tal-iżvilupp tal-kapaċità u x-xjenza, fejn jinbdew, jiġu ppjanati, imfassla u implimentati l-attivitajiet. L-azzjonijiet tan-Network ta' Għarfien jinkludu eżerċizzji komuni, skambji bilaterali u multilaterali, kooperazzjoni u proġetti komuni.

3.11. Fir-rigward tal-protezzjoni ċivili barra mill-qafas tal-UE, huwa importanti li jissewma ċ-Ċentru Ewro-Atlantiku ta' Koordinazzjoni tar-Rispons fil-Każ ta' Diżastru tan-NATO, li joffri assistenza prinċipalment f'każijiet ta' diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem u s-Sistema tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Valutazzjoni u l-Koordinazzjoni f'każ ta' Diżastru, li toffri assistenza matul l-ewwel fażi ta' emerġenza li titfaċċa f'daqqa.

3.12. Fl-Ewropa, il-pjattaforma Unjoni għall-Mediterran (UgħM), sħubija multilaterali li għandha l-għan li żżid il-potenzjal għall-integrazzjoni u l-koeżjoni reġjonali fost il-pajjiżi Ewro-Mediterranji, inkluża t-Turkija, approvat pjan ta' azzjoni dwar it-tħejjiet għal assistenza reċiproka effiċjenti fiż-żona Ewro-Mediterranja. Fost l-azzjonijiet proposti kien hemm ir-rispons rapidu. Fatturi ewlenin jinkludu t-tisħiħ ta' azzjonijiet ta' servizz ta' emerġenza pubblika permezz ta' voluntiera u l-involvement taċ-ċittadini biex jiġu salvati l-ħajjiet.

3.13. L-UCPM ġie attivat 382 darba bejn l-2007 u l-2020. Fl-2020 ġie attivat 102 darbiet – 82 attivazzjoni aktar mis-sena ta' qabel. Mill-102 attivazzjonijiet, 36 kienu fl-UE, u 66 kienu barra mill-UE, b'85 attivazzjoni totali relatati mal-COVID-19.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. L-UCPM ma għadux ta' daqs suffiċjenti biżżejjed biex iwieġeb għad-diżastri naturali marbuta mat-tibdil fil-klima f'termini ta' prevenzjoni, twissija, pjanar, tħassir u kapaċità operazzjonali.

4.2. Setturi bħat-tniġġis marittimu, ir-riskji industrijali u d-diżastri fuq in-networks tal-elettriku u tal-ilma tax-xorb għandhom jiġu indirizzati aħjar mill-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili.

4.3. Il-KESE jqis li d-dimensjoni diplomatika tal-protezzjoni ċivili Ewropea mhijiex żviluppata biżżejjed lejn il-viċinat immedjat tal-UE (b'mod partikolari l-Balkani), jew lejn l-Afrika ta' Fuq u l-pajjiżi Afrikani flimkien mal-politika ta' żvilupp tal-UE. Din id-dimensjoni diplomatika tal-UCPM għandha tiġi sfruttata b'diversi modi, billi (i) jissaħħaħ il-proċess ta' qabel l-adeżjoni tal-pajjiżi kandidati tal-UE, filwaqt li jiġu rispettati l-kriterji kollha ta' adeżjoni; (ii) titnaqqas l-influenza taċ-Ċina u tar-Russja f'xi pajjiżi u f'xi żoni ġeografiċi (l-Afrika, il-Georgia, l-Ukrajna); (iii) jiġu ffaċilitati r-relazzjonijiet diplomatiċi ma' ċerti pajjiżi ostili (eż. għajjnuna fil-ġlieda kontra n-nirien fil-foresti fir-Russja jew fit-Turkija); (iv) titlesta l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajjnuna għall-iżvilupp; u (v) ikun hemm involviment ma' pajjiżi direttament taħt l-influenza Russa, bħalma huma l-Każakistan, l-imsieħeb tal-enerġija tal-Ewropa, u li huma kbar u jinsabu f'riskju kbir (pereżempju, ta' nirien fil-foresti).

4.4. Il-KESE għandu dubji dwar id-definizzjoni tal-ambitu ġeografiku tal-UCPM u l-kriterji tal-għażla għall-Istati Membri. Pereżempju, il-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni, l-Iżvizzera u l-Moldova, għandhom jingħaqdu mal-UCPM biex jiksbu dimensjoni verament kontinentali.

4.5. Fir-rigward tal-operazzjonijiet esterni kkoordinati mill-Kummissjoni Ewropea, meta pajjiżi terzi jitolbu l-assistenza, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet u l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet għall-bidu ta' tali operazzjonijiet, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lit-trasparenza.

4.6. Il-KESE jirakkomanda wkoll li jinħatar korrispondent tal-protezzjoni ċivili f'kull Rappreżentanza Permanenti tal-UE sabiex il-pajjiżi terzi jiġu informati b'mod sistematiku dwar l-assistenza possibbli tal-UE fil-każ ta' diżastru serju, sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni meħtieġa mal-forzi tal-protezzjoni ċivili tal-pajjiż stess.

4.7. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għad-disparitajiet kbar li jeżistu llum bejn l-istrutturi differenti tal-protezzjoni ċivili, u jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi armonizzat il-mod li bih jiġu organizzati dawn il-forzi, b'mod partikolari f'termini ta' taħriġ tal-persunal, proċeduri u tagħmir (eż. id-dijometri tal-manek għal kontra n-nirien ivarjaw minn pajjiż għall-ieħor). Din id-disparità tista' tingħeleb billi jiġu organizzati u standardizzati moduli standard f'kull pajjiż tal-UE. Dawn il-moduli standard diġà huma fis-seħħ, madankollu, iż-żieda fin-numri tagħhom u t-titjib tal-istandardizzazzjoni tagħhom għandhom jiġu mħeġġa b'mod attiv. Pereżempju, il-moduli tan-nirien fil-foresti f'pajjiż wieħed jistgħu jkunu attrezzati b'vetturi tat-triq, u f'pajjiż ieħor b'vetturi off-road.

4.8. Barra minn hekk, għandha tissaħħaħ il-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni ċivili, l-universitajiet u r-riċerkaturi. L-implimentazzjoni tan-Netzwerk tal-UE ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili permezz tal-pilastru tal-iżvilupp tal-kapaċità u x-xjenza, u t-tisħiħ taċ-Ċentru tal-Għarfien għall-Ġestjoni tar-Riskju ta' Diżastri, jipprovdu l-ispazju u l-mezzi biex tissaħħaħ din il-kooperazzjoni.

4.9. Fir-rigward tal-kapaċità tar-riżorsi, l-użu urġenti u fuq distanzi twal tar-riżorsi fuq eluf jew saħansitra għexieren ta' eluf ta' kilometri huwa prijorità oħra. L-emerġenzi spiss jeħtieġu l-użu ta' mezzi tal-ajru. Jekk il-persunal jiġi ttrasportat mill-inġenji tal-ajru, f'dak il-każ ikunu meħtieġa inġenji tal-ajru tat-trasport b'kapaċità kbira biex jittrasportaw it-tagħmir.

4.10. Il-kwistjoni tal-iżgurar tal-kapaċità tat-trasport tista' possibbilment tiġi solvuta permezz tal-użu ta' inġenji tal-ajru militari, nazzjonali jew tan-NATO. Madankollu, l-użu tagħhom jirrikjedi proċess dovut u jinvolvi l-ippjanar, li mhux kompatibbli ma' sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Għażla oħra aktar xierqa tkun li tiġi kkunsidrata flotta dedikata ta' trasportaturi kbar tal-Airbus A330 jew kiri f'waqtu ma' kumpaniji speċjalizzati. Unità tal-ajru ta' tliet inġenji tal-ajru tidher li tissodisfa l-aspettattivi tal-esperti. Dawn l-unitajiet huma versatili, u l-kapaċità li jiġu kkonvertiti hija teknikament vijabbli, pereżempju għall-użu f'sitwazzjonijiet bħal meta jitpoġġa ritardant tan-nar biex inaqqas in-nirien fil-foresti, u t-trasport tal-materjal fuq ir-roti.

4.11. L-akkwiżizzjoni u l-ġestjoni ta' dawn l-assi ta' projezzjoni mill-ajru jistgħu jiġu studjati fi ħdan il-qafas ta' rescEU.

4.12. Fir-rigward tal-governanza, il-KESE jappella li tinħoloq aġenzija Ewropea għall-protezzjoni ċivili u għall-għajnuna umanitarja. Maż-żmien, spiss jintalbu jieħdu azzjoni fl-istess postijiet, fir-rigward tal-istess popolazzjonijiet. Il-protezzjoni ċivili normalment isseħħ fuq żmien qasir, jiġifieri jiem jew ġimgħat, filwaqt li l-għajnuna umanitarja tista' sseħħ fuq perjodu ta' xhur jew żmien itwal.

Brussel, l-24 ta' Marzu 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
